



Brussell, 21 ta' April 2026
(OR. en)

17102/1/25
REV 1 ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0228 (COD)

AGRI 746
AGRILEG 216
SEMENCES 52
PHYTOSAN 65
FORETS 151
CODEC 2207
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar l-FRM)

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fil-21 ta' April 2026

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti (FRM) fl-UE u ppreżentatha lill-Kunsill fis-6 ta' Lulju 2023¹.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Diċembru 2023².
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) għandu r-responsabbiltà ewlenija, filwaqt li l-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) huwa assoċjat. Is-Sur Herbert Dorfmann (PPE, Italja) inħatar mill-ġdid bħala rapporteur. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024.
5. Il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt rilevanti ġew ipprezentati³ waqt vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Riżorsi Ġenetiċi u Innovazzjoni fl-Agricoltura (minn hawn 'il quddiem "il-Grupp ta' Ħidma") fis-6 ta' Lulju 2023 u lill-Kunsill Agricoltura u Sajd (AGRIFISH) fil-25 ta' Lulju 2023. Il-Grupp ta' Ħidma kompla bl-eżami tal-proposta f'laqgħat ulterjuri taħt il-Presidenza Spanjola, Belġjana, Ungeriża u dik Pollakka.
6. Fit-13 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat għall-Presidenza biex tidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew⁴.
7. Fl-1 ta' Settembru 2025, il-Kumitat AGRI tal-Parlament Ewropew iddeċieda li jiftaħ negozjati interistituzzjonali mal-Kunsill abbażi tat-test maqbul fil-plenarja fl-24 ta' April 2024. Id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata matul is-sessjoni plenarja ta' Settembru.

¹ 11503/23+ADD 1

² 5402/24

³ 11694/23

⁴ 9694/25 REV 1

8. Abbażi ta' dan, saru negozjati mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari.
9. Bejn Settembru u Diċembru, saru 12-il laqgħa teknika interistituzzjonali. It-trilogu tnejja mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-14 ta' Novembru 2025⁵ u sar fit-8 ta' Diċembru 2025. Il-koleġiżlaturi laħqu ftehim proviżorju ġenerali matul dak it-trilogu, u l-ftehim sussegwentement ġie kkonsolidat f'test ta' kompromess finali.
10. Fl-10 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ġie infurmat dwar l-eżitu tat-trilogu.
11. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali u kkonferma l-ftehim⁶.
12. Fl-24 ta' Frar 2026, il-Kumitat AGRI tal-Parlament Ewropew ivvota favur it-test maqbul. Fil-5 ta' Marzu 2026, il-President tal-Kumitat AGRI indirizzat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjarat li, jekk il-Kunsill jibgħat lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula, soġġetta għal rieżami mill-ġuristi lingwisti, hija ser tirrakkomanda lill-plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament⁷. It-test anness mal-ittra jikkorrispondi mat-test appoġġat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-19 ta' Diċembru 2025.

⁵ 13836/25

⁶ 17064/25

⁷ 7031/26

II. OBJETTIV

13. L-objettiv tar-Regolament propost dwar l-FRM huwa li jissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE billi jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u jaġġorna d-dispożizzjonijiet tagħha. Ir-Regolament għandu l-għan li jikseb diversi objettivi ewlenin, inkluż l-iżgurar tat-traċċabbiltà permezz tal-ħsad ta' materjal riproduttiv tal-foresti minn siġar ġenituri rreġistrati (jiġifieri materjal bażiku) u ċ-ċertifikazzjoni tal-FRM biex tiġi ggarantita kwalità materjali għolja. Ifittex ukoll li jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi, itejjeb l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-settur tal-FRM, filwaqt li jindirizza l-isfidi relatati mas-sostenibbiltà u mal-klima. Barra minn hekk, ir-Regolament ser jadatta għal żviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda, bħat-tekniki bijomolekulari u d-diġitalizzazzjoni, u ser jappoġġa l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti. Fl-aħħar nett, għandu l-għan li jtejjeb il-konsistenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kontrolli uffiċjali u s-saħħa tal-pjanti.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

14. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom kien hemm ftehim bejn il-koleġiżlaturi:
15. Ir-Regolament il-ġdid jistabbilixxi **sistema ta' kontroll għall-FRM** imfassla apposta u effiċjenti, filwaqt li jeskludiha mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali (2017/625) iżda jżomm kontroreferenzi għal ċerti artikoli li jinsabu fir-Regolament 2017/625. L-Istati Membri ser ikunu meħtieġa jaħtru awtoritajiet kompetenti b'riżorsi u setgħat adegwati, inkluż l-aċċess għall-bini tal-operatur u d-dokumentazzjoni rilevanti, biex iwettqu dawn il-kontrolli.
16. Sabiex jikkomplementaw din is-sistema, id-dispożizzjonijiet magħżula li jinsabu fir-Regolament 2017/625 ser jiġu aġġustati u inklużi fir-Regolament dwar l-FRM. Dawn id-dispożizzjonijiet ser ikopru oqsma bħal rekords bil-miktub tal-kontrolli, ċertifikazzjoni uffiċjali, kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, penali, u trasparenza tal-kontrolli.
17. L-għan ġenerali ta' din is-sistema ta' kontroll huwa li tiżgura sorveljanza konsistenti u affidabbli mill-awtoritajiet kompetenti filwaqt li timminimizza l-piżijiet amministrattivi u finanzjarji fl-Istati Membri kollha.

18. Il-koleġiżlaturi qablu li l-**pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali** ser jibqgħu volontarji, u t-tfassil tagħhom ser ikun ibbażat fuq rekwiżiti simplifikati. Dan ser inaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jibnu l-preparatezza u l-kapaċità meħtieġa. Wara talba mill-Parlament, il-lista ta' elementi li *jistgħu* jiġu inklużi f'dawn il-pjanijiet għet estiża, u l-Kummissjoni nġhatat is-setgħa skont l-Artikolu 9(5) li tispjefika elementi biex tappoġġa l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tagħhom.
19. Fir-rigward tal-**approvazzjoni tal-materjal bażiku**, il-ftehim iżomm il-prinċipji eżistenti tal-approvazzjoni tal-"materjal bażiku" u taċ-ċertifikazzjoni tal-FRM maħsud. Dispożizzjonijiet ġodda jistipulaw li l-Istati Membri jridu jinkludu materjal bażiku approvat fir-reġistri nazzjonali tagħhom, b'lista korrispondenti għall-UE kollha għat-traċċabbiltà. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw operaturi professjonisti għall-approvazzjoni ta' materjal bażiku għal finijiet ta' konservazzjoni taħt supervizzjoni uffiċjali, filwaqt li jżommu l-awtorità finali tat-teħid tad-deċizzjonijiet rigward l-inklużjoni tiegħu fir-reġistri nazzjonali.
20. Sabiex tkompli tissaħħaħ il-kwalità tal-FRM fl-Unjoni, **il-lista ta' speċijiet ta' siġar** koperti mir-Regolament għet estiża. L-Istati Membri ser iżommu l-flessibbiltà li japplikaw miżuri aktar stretti jew inqas stretti għall-ispeċijiet ta' siġar mhux inklużi fl-Anness I, u b'hekk tkun permessa flessibbiltà biex jiġu riflessi r-realtajiet forestali nazzjonali.
21. Fir-rigward tar-**rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-pesti ta' kwalità**, il-ftehim finali jinkludi dispożizzjoni mitluba mill-Parlament. Il-kontrolli ser ikunu bbażati fuq ir-riskju u l-eżami huwa limitat għall-verifika tan-nuqqas ta' sintomi, u b'hekk jittaffew il-piżijiet amministrattivi. Dan huwa appoġġat minn definizzjoni ġdida ta' "pesti ta' kwalità" fi ħdan ir-Regolament.
22. Id-data tal-**applikazzjoni** tar-Regolament għet posposta minn tliet snin għal ħamsa wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, biex jingħata żmien għall-adattament meħtieġ ta' aktar minn 25 sena ta' Prattika nazzjonali stabbilita u biex tiġi implimentata s-sistema l-ġdida ta' kontroll.

23. Għall-**importazzjonijiet tal-FRM minn pajjiżi terzi**, il-parteċipazzjoni fl-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti ma għadhiex obbligatorja iżda tista' titqies mill-Kummissjoni meta tivvaluta jekk dan l-FRM jissodisfax rekwiżiti ekwivalenti għal dawk applikabbli fl-Unjoni. B'deroga, fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tawtorizza temporanjament l-importazzjonijiet tal-FRM minn pajjiżi terzi li ma jissodisfax dawk ir-rekwiżiti, meta jkun jeżisti nuqqas dimostrabbli ta' speċijiet fi Stat Membru wieħed jew aktar minħabba avvenimenti eċċezzjonali u ma jkunx jista' jiġi indirizzat minn Stati Membri oħrajn jew minn pajjiżi terzi li għalihom tkun ġiet stabbilita l-ekwivalenza.

IV. KONKLUŻJONI

24. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
25. Għalhekk, il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati u li, ladarba adottat, ir-Regolament ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-foresti tal-Ewropa billi jtejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tal-FRM, filwaqt jappoġġa l-innovazzjoni u r-reżiljenza għall-klima. Ser jappoġġa wkoll il-kompetittività tas-settur tal-foresti tal-UE.